MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2012

Citazzjoni Numru. 55/2007

**Stephen Cardona**

**vs**

**John Mary Fenech**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' Stephen Cardona, li permezz tieghu, wara li ppremetta illi:

Fit-12 ta' Jannar 2005, fi Triq ir-Ramla, Naxxar, waqt illi l-attur rikorrenti kien qed isuq il-vettura tal-marka Toyota bin-numru ta' registrazzjoni ABI 865 safa' involut f'incident awtomobilistiku meta l-konvenut intimat li kien qed isuq il-vettura ossia truck tal-marka Leyland bin-numru ta' registrazzjoni FBC 028 habat fil-vettura misjuqa mill-esponenti, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Per konsegwenza ta’ dan l-incident, l-attur rikorrenti garrab griehi fuq il-persuna tieghu u soffra debilita’ permanenti, kif gie certifikat minn Mr. Massimo Abela MD FRCS, oltre l-hsarat illi garrab l-attur fil-vettura proprjeta’ tieghu;

Ghalhekk, per konsegwenza ta’ dan l-incident, l-esponenti soffra danni konsistenti f’*damnum emergens* u *lucrum cessans*, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Ghal dan l-incident, jahti unikament il-konvenut intimat, u dan minhabba negligenza, imprudenza fis-sewqan u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku;

Ghalkemm, il-konvenut gie interpellat sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni u konsegwenzjali hlas ta’ danni sofferti mill-esponenti, baqa’ inadempjenti.

Talab l-attur jghid sabiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddikjara lill-konvenut intimat responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh fit-12 ta’ Frar 2005 fi Triq ir-Ramla, Naxxar, u ghad-danni kollha li soffra l-attur rikorrenti per konsegwenza tal-istess incident.

Tillikwida d-danni sofferti mill-attur rikorrenti, okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi.

Tikkundanna lill-konvenut intimat ihallas lill-attur rikorrenti dak l-ammont li jigi likwidat u dikjarat bhala dovut in linea ta’ danni.

Bl-ispejjez, inkluz tal-ittra ufficjali datata 2 ta’ Gunju 2006, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata ta’ John Mary Fenech, li in forza taghha eccepixxa illi:

Huwa minnu illi fit-12 ta’ Jannar 2005, waqt li l-esponenti kien qed isuq il-vettura numru FBC 028 gewwa Triq ir-

Ramla, Naxxar, huwa kien involut f'incident tat-traffiku mal-vettura numru ABI 865 misjuqa minn Stephen Cardona.

M'huwiex minnu li dan l-incident gara tort u htija tal-esponenti, John Mary Fenech, kif qed isostni r-rikorrenti Stephen Cardona, izda gara unikament tort u htija tal-istess Stephen Cardona, li dak il-hin kien qed isuq b'mod negligenti u imprudenti u dana kif sejjer jigi spjegat ahjar tul il-mori tal-kawza.

Huwa minnu li Stephen Cardona korra f'dan l-incident, izda l-esponenti m'huwiex responsabbli ghad-danni li Stephen Cardona seta' soffra konsegwenza ta' dan l-incident, billi kif intqal, l-incident gara unikament tort u htija tal-istess Stephen Cardona.

In vista tas-suespost, it-talbiet ta' Stephen Cardona, fil-konfront tal-esponenti, ghandhom kollha jigu michuda bl-ispejjez.

Rat id-dokumenti.

Semghet ix-xhieda.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet imressqa mill-partijiet.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ir-rikorrenti jirrakkonta l-akkadut fl-affidavit tieghu:

"*Gara illi fil-gurnata in kwistjoni, jien kont ghaddej minn din it-triq in kwistjoni, u meta gejt bejn wiehed u iehor bi dritt il-villa li jisimha "Villa ta' Karla", sibt ma' wicci scammel gej mid-direzzjoni opposta, u truck kbir tal-gebel qed jaqilghu fuq in-naha tieghi tat-triq. Nispjega illi fil-post fejn sehh l-incident, u minn fejn kont gej jien, hemm liwja hafifa li tigbed lejn ix-xellug, u ghalkemm stajt nara l-iscammel li kien gej minn faccata fil-lane tieghu, it-truck li kien beda*

*jaqilghu ma stajtx narah, u fil-fatt rajtu ftit sekondi biss qabel ma sehh l-impatt bejnietna.*

*Nispjega ukoll illi t-truck li semmejt, u li kien gej mill-faccata izda kien qed isuq fil-karreggjata tieghi, jien ma stajtx narah minn qabel peress illi fil-liwja li semmejt hemm il-hitan tal-villa li huma gholja madwar sular.*

*Meta jien dort il-liwja li semmejt u rajt it-truck fil-karreggjata tieghi, niftakar illi ghafast il-brake; pero' peress illi dakinhar kienet ghamlet ix-xita, u peress illi minn din it-triq jghaddu hafna trucks u l-art kienet kollha tajn, il-karozza tieghi skiddjat ftit lejn nofs it-triq u sehh l-impatt ma' dan it-truck. Nghid illi peress illi kelli l-isteering wheel ftit imdawwar, peress illi kien hemm il-liwja li semmejt, meta ghafast il-brakes, il-karozza tieghi tkaxkret ftit lejn nofs tat-triq u hbadtt fit-truck li kien ghadu gej fil-lane tieghi. Niftakar illi t-truck kien mghobbi bit-terrapien.*

*Peress illi qabel ma sehh l-impatt, it-truck kien ghadu miexi fid-direzzjoni tieghi, mad-daqqa, hu baqa' jimbotta fil-karozza tieghi, tant illi l-karozza tieghi tefaghha lura u spiccajt fuq in-naha l-ohra tat-triq bil-parti ta' wara tal-karozza riekba fuq il-bankina u tistrieh mal-hajt. Fil-fatt, jien qed nara l-isketch li kien sar minn ufficjali tal-pulizija wara li gara l-incident u nghid illi l-karozza tieghi spiccat fil-pozizzjoni kif tidher f'dan l-isketch.*"

Ex. P.S. 586 Joseph Brincat, li kien hejja l-iskizz wara l-incident xehed hekk:

"*Dakinhar kienet ix-xita. L-art kienet imxarrba u tizloq. Qed nghid hekk ghaliex din hija triq li tintuza hafna mit-trakkijiet mghobbija, jaqa` hafna trab u meta jixxarrab, it-triq issir tizloq. Is-sewwieq tal-Corsa jiena ma kellimtux fuq il-post. Kellimtu l-isptar f`ward 3. Hu kien ittiehed l-isptar bl-ambulanza. Tyre mark immarkajt wahda biss. Tat-Toyota ma kienx hemm tyre marks. Tyre mark tat-Toyota kienet gejja minn wara t-trakk, korrezzjoni kien hemm tyre mark wahda li kienet tat-trakk u tal-Corsa ma kien hemm xejn.*"

L-intimat John Mary Fenech qal hekk:

"*Meta kont ghadni fil-parti tat-triq id-dritta u kont qed insuq fuq in-naha tat-triq tieghi rajt vettura tal-marka Toyota Corsa kulur abjad gejja mill-faccata. Meta rajtha l-ewwel darba kienet xi sittin (60) pied 'il boghod, u ma rajtux qabel ghax huwa kien hareg minn go bendjatura. Meta rajtu l-ewwel darba, kien gej b'speed qawwi u b'skid ghax it-triq kienet ftit imxarrba u tizloq u kien bil-mod il-mod gej fuq in-naha hazina tat-triq, igifieri ghal fuqi. Jiena kif rajtu gej hekk waqaft fuq in-naha tieghi tat-triq, 'il barra xi pied jew tnejn mill-bankina li kien hemm fuq ix-xellug tieghi. Hu baqa' gej b'speed qawwi u bla kontroll u dahal go fija u bid-daqqa ressaq it-truck tieghi li spicca kif muri f'dawn ir-ritratti li sejjer nesebixxi u huma mmarkati bhala Dok. JMF1.*

*Wara l-impatt huwa spicca fuq in-naha tat-triq tieghi. Tant kien gej b'speed illi mad-daqqa mar lura u habat fil-hajt li kien hemm fuq ix-xellug tieghi.*

*Jiena nichad illi kont qed naqbez xi truck iehor meta sehh l-incident, tant hu hekk illi kieku dan kien il-kaz, dan it-truck kien zgur jahbat mal-vettura ta' Cardona ghax huwa spicca fuq ix-xellug tieghi, u cioe' minn fejn kellu jghaddi t-truck li jiena kont allegatament qed naqbez.*

*Wara l-incident, vetturi li kienu ghaddejjin minn Triq ir-Ramel bdew jghaddu minn fuq il-lemin tieghi, u cioe' n-naha tal-Maghtab.*"

Joseph Vella, direttur tas-socjeta' Central Asphalt Limited, proprjetarju tat-truck involut fl-incident jikkonferma fix-xhieda tieghu li mar mal-ewwel fuq il-post u ra brake marks tat-Toyota li ma tnizzlux fl-iskizz.

F'dan ix-xenarju, il-Qorti, ghalhekk, tqis li l-pern tal-kwistjoni kollha huwa l-kwezit dwar jekk l-intimat kienx fil-fatt ghamel il-manuvra ta' sorpass kif isostni r-rikorrenti. Dwar dan, il-Qorti ssib li hija aktar verosimili t-tezi tal-attur, dan ghal diversi ragunijiet. Jirrizulta mill-iskizz tal-pulizija li kien hemm marki tat-tyres tat-truck fuq in-naha tat-triq li

juru li kien fil-fatt issorpassa. Ir-ritratti esebiti in atti a fol. 94 et seq. juru t-truck fuq in-naha hazina tat-triq. Dwar dan il-fatt, l-intimat jispjega li spicca f'din il-pozizzjoni ghaliex gie imbuttat mill-karozza mal-habta. Din, fil-fehma tal-Qorti, hija inverosimili wisq. Vettura zghira bhal ma hija t-Toyota Corsa ma timbuttax truck Leyland mghobbi san-naha opposta tat-triq. Ta' min isemmi ukoll illi l-Magistrat fis-sentenza fil-proceduri kriminali stitwiti kontra John Mary Fenech, sewwieq tat-truck, jikkonkludi hekk:

"*Ikkunsidrat illi kif jirrizulta mill-provi, inkluz l-iskizz, l-imputat invada l-karreggjata tas-sewwieq kwerelant meta kien ghaddej fuq il-karreggjata tal-kwerelant biex jaqbez truck iehor. Il-kwerelant ipprova jieqaf, izda skiddja. Dan juri li mhux minnu li kien ghaddej kif qal bil-35km, korroborat mill-entita' tal-hsara fil-vettura tieghu. Ghalkemm l-imputat huwa principalment responsabbli mill-incident, in-nuqqas tal-kwerelant ma jistax ma jittehidx in konsiderazzjoni u ghalhekk mill-aspett ta' kawza kriminali ma jkunx gust li l-imputat jinstab hati u ghal dawn il-mottivi ma ssibux hati u tilliberah.*"

Huwa possibli illi meta ttenta jevita l-impatt mat-truck, is-sewwieq tal-vettura Toyota, l-attur, skiddja.

Din il-Qorti tenfasizza li huwa ben risaput illi qabel jesegwixxi manura ta' sorpass, sewwieq ghandu jkun cert illi l-manuvra qed issir fil-mument opportun, igifieri li jkun jista' jilhaq ibattal il-karreggjata ghal min gej fid-direzzjoni opposta. Fl-istess waqt irid ikun ukoll cert illi hu u diehel lura f'postu, ma jkun ta' ebda periklu ghall-vettura li jkun issorpassa.

"*Min ikun qieghed isuq karozza m'ghandux jaghmel il-manuvra ta' overtaking minghajr ma jkun safe li ssir dik il-manuvra. Jekk dik il-manuvra ssir barra minn zmienha u b'okkupazzjoni ta' spazju zejjed, dik il-manuvra hija hazina ("App. Krim. Pul. Vs T. Meilak", Vol. 33 p4 p 723).*

*Ir-responsabilita' li l-manuvra ta' sorpass tkun tajba – tant ghall-post, kemm ghall-hin kif ukoll ghall-ezekuzzjoni*

*taghha – hija ghal kollox fuq id-driver li ser jaghmel is-sorpass (“Genovese vs Wells” 27.6.72).*”

F’dan is-sens, is-sewwieq tat-truck fil-kawza odjerna naqas u l-Qorti ghalhekk tqis li kien l-agir tieghu, il-kagun tal-habta.

<u>Damnum emergens</u>

Jirrizulta illi l-vettura tal-attur soffriet hsarat tant kbar li kienet “beyond economical repair”. Is-surveyor li ccertifika dan, iccertifika ukoll li l-valur taghha kien ta’ tliet elef u mitejn Lira Maltin (Lm3200), cioe’ sebat elef, erba’ mija u erbgha u hamsin Ewro (€7454). Ta’ dan, l-attur ghandu jigi risarcit. Jirrizulta ukoll li wara l-incident, l-attur ghamel zmien konsiderevoli fuq “sick leave” tant li ma baqax jithallas il-paga tieghu shiha u sussegwentement ukoll twaqqfet il-paga tieghu ghal kollox. Rapprezentanta ta’ Ballut Blocks Services Limited, li maghha huwa impjegat l-attur xehedet (fol. 54) u mid-dokumenti minnha pprezentati jirrizulta li l-attur tilef tliet elef, seba’ mija u tmien Liri Maltin (Lm3708), ekwivalenti ghal tmint elef, sitt mija u sebgha u tletin Ewro (€8,637). Ta’ dawn il-flus ukoll huwa ghandu jigi risarcit.

<u>Lucrum cessans</u>

Jirrizulta mir-rapport tal-espert mediku nominat mill-Qorti, Dr. Carmel Sciberras, illi l-attur, kawza tal-incident, soffra debilita’ permanenti ta’ 8%. Ghalkemm jidher li l-konvenut jitlob il-hatra ta’ periti perizjuri, din ma saret qatt u ghalhekk, il-Qorti ser tistrieh fuq ir-rapport tal-espert minnha inkarigat, galadarba m’hemm ebda raguni serja ghalfejn tiddipartixxi mill-konkluzjonijiet tieghu.

Issa, kif irriteniet il-Qorti fil-kawza “Sammut vs Zammit” (Qorti tal-Appell, 3 ta’ Dicembru 2004):

“*Din il-Qorti hasbet fit-tul dwar din il-kwistjoni u jidhrilha li l-‘multiplier’ adottat mill-Qorti ta’ l-ewwel grad huwa pjuttost eccessiv. Dan ghaliex fis-sistema generalment applikata f’kawzi ghar-rizarciment ta’ danni l-ligi ma tghid xejn, ghal*

*anqas kif inhi fil-prezent, dwar il-perjodu li ghandu jigi applikat ghal fini tal-'multiplier' u anqas u anqas ma tghid xejn dwar il-hajja lavorattiva tad-danneggat. Il-provvedimenti tal-Kodici Civili li jirrregolaw il-mod kif ghandhom jitqiesu d-danni jitkellmu b'mod specifiku dwar telf effettiv, konsistenti fi spejjes inkorsi minhabba l-hsara kagunata u it-telf ta' paga jew qligh iehor attwali. Dwar dawn il-Qorti ma ghandha ebda diskrezzjoni u ghandhom jigu rizarciti in toto. Izda fir-rigward ta' telf ta' qligh li dik il-persuna tbati 'l quddiem minhabba inkapacita` ghal dejjem, totali jew parzjali, is-subartikolu (2) tal-Artikolu 1045 tal-Kap 16 jiddisponi li "Is-somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita` tigi stabbilita mill-Qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u, b'mod partikolari, ix-xorta u l-grad ta' inkapacita`, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara.*

*Hawn ghalhekk naraw element diskrezzjonali li qed jinghata lill-gudikant. Il-ligi ma tridx li l-kumpens ikun biss rizultat ta' ezercizzju matematiku – ghalkemm tali ezercizzju huwa wiehed siwi u jwassal ghal certa uniformita` fil-likwidazzjoni tad-danni kif effettivament gara wara s-sentenza ta' '**Buttler vs Heard**' – b'dana kollu l-gudikant ghandu jzomm quddiem ghajnejh aspett aktar wiesa' tal-problema u fl-ammont li finalment jakkorda bhala danni ghal-telf futur – dawk li fil-gergo huma maghrufa bhala 'lucrum cessans' - jipprova jimprimi sens ta' gustizzja billi mhux biss ihares lejn l-interessi tad-danneggat izda billi wkoll jittiehed in konsiderazzjoni dak li jkun kkawza d-dannu.*"

Fil-kaz in ezami, l-attur kellu 28 sena fid-data tal-incident. Bniedem ta' dik l-eta' huwa mistenni li jibqa' jahdem sal-eta' ta' 65 sena. Ghaldaqstant, il-Qorti ser taddotta multiplier ta' 37.

€15,964 x 37 x 8% = €47,253

Il-Qorti qed takkorda ukoll zieda ta' €300 fis-sena, ir-relazzjoni mal-awment tal-paga ghall-gholi tal-hajja.

€300 x 37 = €11,100

Il-Qorti, imbaghad ser taghmel tnaqqis ghal-lump sum payment ta' 6%, dan peress illi s-sentenza qed tinghata llum, seba' snin wara l-incident.

Ghalhekk, €47,253 + €11,100 – 6% = €54,852

Ghaldaqstant;

Damnum emergens = €16,091
Lucrum cessans = €54,852
Total = €70,943

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-incident li sehh fit-12 ta' Frar 2005 sehh htija ta' John Mary Fenech; tillikwida d-danni li soffra Stephen Cardona fl-ammont ta' sebghin elf, disa' mija u tlieta u erbghin Ewro (€70,943); tikkundanna lil John Mary Fenech ihallas lil Stephen Cardona, is-somma ta' sebghin elf, disa' mija u tlieta u erbghin Ewro (€70,943).

L-ispejjez kollha jithallsu minn John Mary Fenech.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------